MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Numru. 898/2009

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Ivan Borg, iben Joseph, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Diċembru, 1971

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fil-31 ta’ Mejju, 2009 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, iffalsifika att awentiku jew pubbliku, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti, skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom;

b. talli fix-xhur ta' qabel il-31 ta' Mejju, 2009 saq vettura tal-għamla Toyota Supra, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBF 617, mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-liċenżji.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u il-fatt li hu kkolabora mal-pulizija. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta sitt mitt euro (€600).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------